MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 1323/1999/1

Emanuel Sammut

Vs

Alfred u Pauline konjugi Bezzina

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Dicembru 2001 fejn wara li gie premess li b'avviz tas-7 ta' Settembru 1999 l-konvenuti kienu gew imsejha sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati ihallsu lill-attur s-somma ta' tlett mija disgha disghin lira maltin (LM399.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ta' twahhil ta' madum tal-art u kamra tal-banju, liema xogholijiet saru fil-proprjeta' tal-konvenuti billi dawn minkejja interpellazzjonijiet baqghu inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Awissu 1999, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju presentat kontestwalment ma l-avviz u bl-imghax legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-27 ta' Settembru 1999 li permezz taghha l-konvenuti eccepew illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:-

1. illi l-kawza giet intavolata qabel ma l-konvenuti gew notifikati bl-ittra ufficjali;
2. illi l-bilanc mhux dovut ghaliex ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghaliex ma sarx qabel it-13 ta' Settembru, 1999 kif kien miftiehem;
3. illi ghalhekk il-konvenuti nkorrew danni ghaliex kienu marbutin li jidhlu fil-post fejn saru x-xogholijiet u kellhom iqabdu lill-terzi biex ikomplu bix-xoghol.

L-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1) illi l-attur isostni li kien gie ngaggat mill-konvenuti biex iwahhal kwantita' ta' madum f'fond proprjeta' ta' l-istess konvenuti;
2) illi wara li l-partijiet ftehemu l-modalitajiet ix-xoghol beda f'Lulju ta' l-1999;
3) illi pero' jirrizulta li stante c-cirkostanzi l-attur kien ordnat jibda x-xoghol f'kamra tal-banju fuq li ma kienetx parti mill-ftehim originali;
4) peress li rrizulta li naqas xi madum ix-xoghol kellu jkun interrot;
5) illi sussegwentement l-attur inghata struzzjonijiet jaghmel xoghol iehor li pero' minhabba nuqqas ta' madum dan ukoll kien interrott;
6) illi l-attur isostni li meta mar biex ikompli x-xoghol kien gie msakkar barra u ma thalliex ikmplieh;
7) illi finalment l-attur isostni li ghalkemm thallas in parte ta' xoghol ghad fadallu jiehu l-ammont ta' LM398.50.

Ikkunsidrat:

1. illi l-konvenuti jsostnu li kienu ftehemu ma l-attur biex jaghmlilhom xoghol ta' twahhil ta' madum wara li kienu baghtu lill-istess attur jara l-madum li riedu;
2. illi l-konvenuti kienu ppressati b'limitazzjonijiet tal-hin u qalghu l-madum li kellu jinqala huma stess;
3. illi in effetti kienu infurmaw lill-attur li riedu li x-xoghol ried ikun lest sa l-ahhar t' Awissu 1999 u dan gie accettat mill-istess attur li beda x-xoghol fl-ahhar gimgha ta' Lulju;

4. illi x-xoghol involut kien zewg kmamar tal-banju, wahda minnhom akbar minn ohra; sular isfel; garaxx u gnien quddiem u wara tad-dar;
5. illi meta l-attur beda x-xoghol bdew ukoll id-diffikultajiet;
6. id-diffikultajiet kienu principalment rigward il-qtugh ta' madum peress li ma kellux il-makkinarju adatt u grouting kompletament hazin u mhux accettabbli;
7. illi f'okkazzjoni minnhom il-konvenuti hallsu lill-attur l-ammont ta' LM300 bhala akkont;
8. illi ghalkemm kien hemm diversi divverbji bejn il-partijiet ix-xoghol xorta tkompla sakemm il-partijiet ma felhux aktar u ma riedux jafu aktar b'xulxin;
9. illi ghalhekk il-konvenuti qed jirrifjutaw ihallsu d-differenza mitluba.

Ikkunsidrat:-

Illi l-attitudini bhal dik riskontrata mill-partijiet m'hi ghaqlija xejn u din il-qorti tiskonsiljha; illi ghalkemm l-attur ipprezenta kont relattiv ghax-xoghol minnu allegat pero' dan ma jistax jintlaqa' in toto minn din il-Qorti stante d-diversi nuqqasijiet riskontrati mill-konvenuti li ghandhom ikunu l-unici arbitri ta' dan ix-xoghol ghaliex huma qed ihallsu ghalieh; illi ghandu jinghad ukoll li m'hux ghaqlija l-anqas l-attitudini tal-konvenuti li jizgumbraw lill-attur b'dan il-mod u jirrifjutaw li jaghmlu tajjeb ghal dak ix-xoghol li ghalkemm sussegwentement korrett minn haddiehor xorta jibqa' in parte maghmul mill-attur; fin-nuqqas ta' provi sodi din il-Qorti jkollha tiddecidi l-vertenza *arbitrio boni viri* biex tipprova taghmel gustizzja maz-zewg partijiet li t-tnejn jirrizultaw li ghandhom xi forma ta' raguni kif fuq indikat.

l-ewwel Qorti ghalhekk ikkonkludiet billi kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur kwart mis-somma minnhu mitluba precizament l-ammont ta' LM100 ghax-xoghol minnu maghmul wara li ma baqghux jirrikonoxxu l-ezistenza ta' xulxin, bl-ispejjes jinqasmu wkoll ghall-kwart ghall-konvenuti u tlett kwarti ghall-attur.

Fir-rikors ta' appell l-attur ppremetta li ma kien hemm ebda kwistjoni dwar x-xoghol li kellu jigi ezegwit u li

effetivament kien hemm zewg punti ta' kontestazzjoni u cioe l-kwistjoni tal-"*completion date"* u jekk x-xoghol sarx skond l-arti w s-sengha. L-aggravji tal-attur mis-sentenza appellata jistghu jigu puntwalizzati bil-mod segwenti:-
Dwar il-*Completion date:*

1. Qatt ma kien hemm data specifika ghat-terminazzjoni tax-xoghol intrapriz.
2. Illi kien hemm problema fuq il-provvista tal-madum mehtieg minhabba x-shut down fil-fabbrika estera.
3. Illi fi kwalunkwe kaz kien hemm tibdil fil-progett mhux previst.
4. Kellu jinbidel xi madum li wasal wara d-data tal-"*completion date*" allegata.

Dwar id-*difetti fix-xoghol:*

L-attur f'dan ir-rigward irrileva li l-uniku ilment imsemmi mill-konvenuta kien dak rigwardanti l-"*grouting*". Izda osserva li dan kien inxtara mill-istess konvenuta. Inoltre l-attur sostna li kull ilment li setghu kellhom il-konvenuti gie debitament kunsidrat mill-perit taghhom li ghamel it-tnaqqis mehtieg. Dan ir-rapport peritali, li gie accettat anke mil-konvenuti, ghandu jipprevali.

Fl-ahharnett l-attur ghamel osservazzjonijiet dwar dak li intqal fis-sentenza appellata u cioe li l-konvenuti "*ghandhom ikunu l-unici arbitri ta' dan ix-xoghol ghaliex huma qed ihallsu ghalieh.*"

Fir-risposta taghhom il-konvenuti jsostnu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata u dana principalment a bazi tar-regola generalment accettata mill-Qorti tat-tieni stadju li "*l-apprezzament ta'l-ewwel qorti ma ghandux jigi disturbat*". Inoltre qed jigi sottomess li effettivament kien hemm ftehim dwar l-"*completion date*" u li huma sofrew danni minhabba li l-attur ma kienx jattendi assidwament ghax-xoghol u ma kellux l-appart mehtieg.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu li l-artikolu 171(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li s-sentenza li tinghata fil-qrati tal-

Magistrati (Malta) u dawk ta' Ghawdex, ma tehtiegx li tkun tinkludi r-ragunijiet kollha li wasslu ghaliha, izda tista' biss issemmi l-punti ewlenin li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat il-konkluzzjonijiet taghha. Dan id-dritt izda ma jeskludiex lill-gudikant li fil-parti operativa tas-sentenza, li, skond l-artikolu 23 tal-istess Kap 12, ghandha tinqara fil-pubbliku, tinkludi talbiet jew l-eccezzjonijiet li jkunu gew decizi u kull dikjarazzjoni mahsuba li tkun konlusiva jew vinkolanti.

Issa mill-provi prodotti jidher li r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti naxxenti mill-appalt in kwistjoni hadu xejra ghall-ghar minhabba nuqqas ta' ftehim bejn l-appaltant u l-appaltatur dwar diversi aspetti tax-xoghol u partikolarment meta kellu jintemm, l-volum ta' xoghol gornaljier li kien qed jigi ezegwit, l-assenza ta' apparat adegwat u finalment l-kwistjoni tal-"*grouting*". Certament l-attitudinijiet adotatti mill-kontendenti jimmeritaw l-osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti.

Izda din l-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzzjoni fis-sentenza appellata li ma kienx hemm "*provi sodi"* u li konsegwentement l-istess qorti kellha "*tiddecidi l-vertenza arbitrio boni viri.*" Fil-fatt b'dan il-mod certament ma saritx gustizzja u dan ghar-raguni segwenti.

F'materja teknika bhal ma huwa xoghol ta' tqeghid ta'madum, sew tal-art kif ukoll ta' mal-hajt, fejn qed jigi allegat li x-xoghol ma kienx sar skond l-arti u s-sengha, kien mistenni li l-Qorti tqabbad persuna kompetenti biex tirrelata dwar l-fundatezza tal-allegazzjoni u finalment tiddecidi skond din ir-referenza jekk jkun jidhrilha li hija gusta u ragionevoli u dana b'rispett lejn dak li jipprovdi l-artikoli 681 tal-Kap 12. Fl-assenza ta' din il-hatra l-Qorti trid ta' bilfors tifli sewwa l-provi biex tara jekk l-allegati nuqqasijiet jirrizultawx u anke tiehu in-konsiderazzjoni dawk il-provi teknici li setghu resqu l-partijiet. Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-istess konvenuti, minhabba li ma kienux sodisfatti bix-xoghol ta' l-attur, inkarigaw perit Arkitett u cioe l-AIC A.P. Buontempo li, wara li spezzjona x-xoghol tal-madum, u wara li ghamel id-debiti osservazzjonijiet u riduzzjonijiet fuq il-kont prezentat mill-attur, ikkonkluda li l-kont finali ghandu jkun fl-ammont ta' LM594.50 kif ahjar

dettaljat fid-dokument PB3 a fol 31 tal-process. Dan ir-rapport gie ezebit mill-konvenuti in sostenn tal-eccezzjoni taghhom dwar xoghol hazin. Dan ifisser li ghall-konvenuti l-attur kien baqalu jiehu s-somma bilancjali ta' LM294.50 wara li jitnaqqas il-hlas akkont li kien sar.

L-artikolu 563A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li *"Meta persuna tissejjah bhal xhud, l-opinjoni taghha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata taghti xiehda bhala espert, ghandha tintlaqa' bhala xiehda biss jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-persuna jkollha l-kwalifiki mehtiega dwar dik il-kwistjoni."* Ma hemmx dubbju li Perit Arkitett ghandu l-kwalifiki necessarji biex jesprimi opinjoni dwar xoghol ta' madum. Isegwi li l-opinjoni espressa fir-rapport fuq imsemmi ghandha l-effett ta' xiehda ta' espert in materja li torbot lill-kontendenti. In effetti dan ir-rapport gie presentat mill-konvenuti in sostenn tal-ilment taghhom, u illum jidher li qed jigi accettat mill-istess attur. Ghalkemm huwa minnu li l-Perit Buontempo, debitament ingunt ghall-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2001 ma deherx u sussegwentement l-konvenuti ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-validita' tar-rapport tieghu a fol 31 tal-process, li ghalhekk jista' jittiehed bhala prova ta' dak li fih.

Illi dwar l-allegazzjoni li saret mill-konvenuti li huma, bhala konsegwenza tan-nuqqasijiet tal-attur, sofrew danni, jigi rilevat li l-unika accenn ghad-danni sar mill-konvenuta fix-xiehda taghha tat-13 ta' Marzu 2001 fejn sostniet li hija sofriet danni minhabba l-"grouting" li kien sar. Ma jirrizultaw ebda danni ohra li setghu sofrew il-konvenuti. Fir-rigward tal-grouting jigi ukoll osservat li l-istess perit inkarigat mill-konvenuti ha dan il-fattur in konsiderazzjoni meta wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu. In fatti fil-paragrafu (1) tal-imsemmi rapport jghid espressament hekk: "*Mill-prezz ta' LM5.00 kull metru kwadru ghax-xoghol ta' madum fil-kamra tal-banju ta' fuq, ghandha titnaqqas lira (LM1) minn kull metru kwadru minhabba li l-kulur tal-'*grouting' *li sar, ma kienx adattat u ghalhekk il-klienta tieghi kellha tnehhi dan il-grouting a spejjes taghha.*"

F’dan ir-rigward l-attur jghid li ma kienx hu li xtara l-materjal izda kienet l-konvenut. Da parti taghha l-konvenuta filwaqt li tammetti li kienet hija stess li xtrat il-materjal, il-grouting kien abjad u kien l-attur li haltu u pproduca il-kulur li ma kienx accettat. L-attur ma jikontestax dan il-fatt. Jidher ghalhekk li l-attur, li kien l-espert in materja, ma ghamilx tahlita tajba ta’ kulur u grouting bir-rizultat li dan gie ta’ kulur mhux acettabbli u konsegwentement l-Perit fuq imsemmi kien korrett meta ghamel l-osservazzjoni tieghu u d-debita riduzzjoni fil-prezz.

Dwar l-allegat ftehim tal-“*completion date*” jidher li hemm nuqqas ta’ qbil bejn il-kontendenti. Izda ghandu jinghad li anke jekk ghal grazja tal-argument wiehed kellu jaccetta l-verzjoni tal-konvenuti dwar t-terminu ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet, jirrizulta ampjament li dawn qatt ma setghu jigu konkluzi fiz-zmien stabbilit billi l-attur ma giex provdut bill-materjal ghat-tqeghid “in tempo” minhabba fatturi estranei u cioe “shut down” fil-fabbrika li keient ser tipprovdi l-materjal. Dan ghalhekk ma kienx nuqqas ta’ l-attur izda pjuttost tal-konvenuti li ma hasbux minn qabel biex jipprovdu l-madum kollu ‘on site’. Ghalhekk ma jistghux l-konvenuti jaddebitaw lill-konvenut xi danni (li lanqas ma jirrizultaw) naxxenti minn nuqqas taghhom.

Fl-ahharnett din il-Qorti tixtieq tirrileva li ghalkemm huwa minnu li minn jordna x-xoghol u jhallas ghalieh ghandu jkun sodisfatt bir-rizulta, dan ma jfissirx li meta jinqala nuqqas ta’ ftehim bejn l-appaltant u l-appaltatur dwar in-natura tax-xoghol hija biss il-kelma ta’ minn jghati x-xoghol li ghandha valur. Ghalhekk jezistu l-qrati u ghalhekk hemm il-possibilita’ ta’ hatra ta’ esperti indipendenti. F’dan is-sens din il-Qorti ma taqbilx mal-kumment li sar mill-ewwel qorti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-attur huwa dovut is-somma bilancjali ta’ mitejn erbgha u disghin lira maltin u hamsin centezimu (LM294.50) u dana in bazi ghar-rapport peritali ppresentat mill-istess konvenuti tal-AIC Buontempo, u bl-imghax legali mil-lum.

U tordna li l-ispejjes tad-din is-sentenza kif ukoll tas-sentenza tad-19 ta' Dicembru 2001 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jithallsu kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenuti u kwart mill-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri